# Il-Ħadd 09.01.2022

1. Illum 09/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ġimgħa 14/01:
   - Fit-8:00pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 15/01:
   - Fis-5:45pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena 2022.

4. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw xi affarijiet tal-ikel f'inizjattiva ta' karità, biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn. Imlejna 6 kaxxi mdaqqsin li tqassmu matul dawn l-aħħar jiem. Napprezzaw li jkollna aktar persuni li ma joqgħodux lura u jitħajru jgħinnu fil-ħidma ma' familji fil-bżonn u ħidma oħra pastorali li ħafna drabi issir fis-skiet. Min hu interessat jikkuntattja lill-Kappillan jew lil Grace Vassallo.
   - F'isem id-Direttur u l-Istaff tad-Dar tal-Providenza nirringrazzjawkom tal-għotja sabiħa li għamilna bħala parroċċa li kienet € 980 (€ 50 minnhom mill-Każin San Pawl). Dan kollu minn ġabra waħda u diversi donazzjonijiet li baqgħu deħlin nhar l-ewwel tas-sena. Grazzi u prosit tal-ġenerożità tagħkom.
   - Bi ħsiebna nagħmlu ordni oħra ta' ritratti u frames li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl restawrata. Min hu mħajjar jordna jinfurmani mill-aktar fis.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Mill-Ġimgħa 7/01 - Is-servizz ta' Podjatrija reġa' beda jingħata mill-berġa fi ħdan il-Kunsill Lokali, u ser jibqa' jingħata darba fix-xahar. Dan is-servizz huwa miftuħ biss għar-residenti ta' Ħal Safi. Għal appuntament tistgħu tibbukkjaw billi ċċemplu l-Kunsill Lokali stess (fuq 21689168).

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 165 bħala ġabra speċjali tal-Ħadd li għadda b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr;
   - € 80 mill-bejgħ ta' Christmas logs b'risq l-istess għan.
   - € 20 bħala donazzjoni b'risq l-istess għan.
   - Infakkar fl-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-knisja. Min għadu ma tax il-kontribut tiegħu inħeġġu jagħmel dan ħalli nkomplu bil-proġetti ppjanati.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.